

Brussell, 21 ta' Mejju 2019
(OR. en, pt)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0359(COD)

9170/1/19
REV 1 ADD 1

CODEC 1052
JUSTCIV 119
EJUSTICE 64
ECOFIN 483
COMPET 389
EMPL 264
SOC 356

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNILL dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u skwalifiki u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn u, li temenda d-Direttiva (UE) 2017/1132 (Direttiva dwar ir-ristrutturar u l-insolvenza) (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Portugall

Il-Portugall jirrikonoxxi li hemm biżżejjed flessibilità fit-test tal-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar oqfsa ta' ristrutturar preventiv, dwar il-ħelsien mid-dejn u skwalifiki u dwar miżuri sabiex tiżdied l-effiċjenza tal-proċeduri li jikkonċernaw ir-ristrutturar, l-insolvenza u l-ħelsien mid-dejn u li temenda d-Direttiva 2012/30/UE biex tippermetti lill-Istati Membri jeskludu kategoriji speċifiċi ta' dejn mill-ħelsien mid-dejn, jew jiġi ristrett l-aċċess għall-ħelsien mid-dejn jew jiġi stabbilit perijodu ta' ħelsien itwal fejn tali esklużjonijiet, restrizzjonijiet jew perijodi itwal ikunu debitament ġustifikati.

Il-Portugall qed jifhem li l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet li jeskludu jew jirrestrinġu l-aċċess għall-ħelsien mid-dejn fiskali, mhux biss għaliex tali miżuri huma kkunsidrati debitament ġustifikati minħabba n-natura speċjali tad-dejn fiskali, iżda wkoll minħabba li l-adozzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE b'impatt fuq il-pagamenti ta' taxxa fuq il-fatturat, dazji tas-sisa u forom oħra ta' taxxa jkunu jirrikjedu bażi legali speċifika differenti, soġġett għal proċeduri leġislattivi speċjali, kif preskritt mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Billi jżomm dan f'moħħu, il-Portugall jixtieq jirriżerva din il-pożizzjoni fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-aċċess għall-ħelsien md-dejn fiskali meta tiġi trasposta d-Direttiva.